## XENQET IL-BIERAH

"....al travaglio usato
Ciascuno in suo pensier farà ritorno."
(Leopardi)

*Harist fi ġnien il-Hajja sbejħa tagħna*
*W rajt fiha kull ma trid il-qalb, kull żîna...*
*Fittixt, għalxejn, għamajra mnażżgħa, ċkejkna,*
*Bil-kenn għalina.*

*Għarbilt fil-Lum. Fil-għodu w fil-għaxija*
*Stennejt ħerqan tiġili ferħa fqira...*
*'Ma l-ferħ inbidel f'qtigħ il-qalb bla temma*
*U f'dieqa kbira.*

*Stennejt ibexbex l-Għada bl-akbar tama*
*U qalbi mlejt b'xewqat bla tarf qawwija:*
*Mill-ġdid ġab miegħu l-Għada hemm u dwejjaq*
*W sħaba xitwija.*

*Għarbilt! Għarbilt fil-beraħ t'għodwa ġdida.*
*Bid-dmugħ kiebi tat-tama, f'elf imsieraħ;*
*W minflok is-serħ tal-Lum rajt f'qabar qalbi*
*Xenqet il-Bieraħ.*

14-15.ii.1967

ALFRED DEGABRIELE